**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 17 ta' Novembru, 2016

Rikors Nru : 314/15 AL

**A B**

**-vs-**

**C B sive B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-esponenti zzewweg lil C B sive B fit-23 ta' Dicembru tas-sena 1984;
2. Illi l-partjiet ilhom *de jure* sa mis-16 ta' Ottubru tas-sena 2009 u dan permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni bonarja fl-atti tan-Nutar Dr Ian Spiteri u ilhom daqstant zmien separati *de facto;*
3. Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal L li hija ta' eta maggorenni u N li ghadu minuri peress li ghandu tnax (12)-il sena;

4. Illi kull manteniment dovut ghall-minuri qieghed jghaddi b'mod regolari u dan skont il-klawsola tal-kuntratt datat 16 ta' Ottubru tas-sena 2009;
5. Illi illum il-gurnata ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;
6. Illi l-esponenti m'humiex jircievu manteniment minghand xulxin;
7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg u cioe' d-divorzju bejn il-partijiet a tenur ta' l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex l-istess jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-intimata, li permezz taghha tiddikjara :

1. Illi l-esponenti topponi ghall-pronunzjar tal-hall taz-zwieg u cioe d-divorzju bejn il-partijiet skont l-artikolu 66 tal-Kap. 16, u dan stante l-fatt li A B huwa moruz fil-hlasijiet tal-manteniment dovut lill-esponenti ghall-binhom Neill li ghandu tnax-il sena u dan in vjolazzjoni ta' klawsola numru erba' (4) tal-kuntratt ta' separazzjoni tas-sittax (16) ta' Ottubru 2009 fl-atti tan-Nutar Ian Spiteri li kopja ta' l-istess kuntratt jinsab hawn anness bhala Dok MC 1;
2. Illi din il-morozita' fil-hlasijiet tal-manteniment huma sostanzjali kif spjegati u elenkati fl-iskeda li tinsab hawn annessa bhala Dok MC 2, fejn fid-dokument MC 2 hemm il-bilanci ta' manteniment dovuti li ghandu jhallas A B lil martu B ghal binhom minuri Neill ghas-snin 2009 sa 2015 inkluzi, u fejn ghalhekk jibqa' bilanc ta' hmistax-il elf euro erba' mija u tnejn u sebghin ewro u tletin centezmu (€15,472.30) sal-prezentata ta' din ir-risposta, u dan skont klawsola numru erba' (4) tal-kuntratt ta' separazzjoni personali. Illi din hija vjolazzjoni lampanti ta' l-artikolu 66B subinciz (c) tal-Kap 16.

Illi l-esponenti B zzomm ferm id-drittijiet taghha ghall-arretrati dovuti lill-esponenti ghal binha Neill u ser tibqa' topponi li jigu ddikjarati id-divorzju bejn il-partijiet sakemm tali ammont jibqa' ma jigix saldat;

3. Illi l-ispejjez relattivi ghal preceduri odjerni ghandhom jigu sopportati mir-rikorrent u dan stante illi l-esponenti ma kkommettiet l-ebda nuqqas fil-konfront ta' zewgha u ma hemm l-ebda raguni valida fil-ligi ghaliex l-esponenti ghandha tigi kkundannata thallas xi spejjez relattivi ghal proceduri mibdija mir-rikorrent kontra taghha;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata ;

Rat id-digriet taghha tal-4 ta' Awwissu 2016 ;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi l-intimata qeghda topponi illi jintlaqghu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur peress illi tikkontendi illi r-rikorrenti huwa moruz fil-hlasijiet tal-manteniment dovuti lilha u hija ssostanzjat din l-allegazzjoni taghha permezz ta' diversi dokumenti minnha esebiti ;

Il-Qorti rat illi l-avukati difensuri tal-partijiet kienu qablu li jergghu jaraw il-kalkoli tal-manteniment allegatament dovut mir-rikorrenti lill-intimata u l-intimata pprezentat nota ulterjuri fl-1 ta' April 2016;

Illi l-Qorti rat illi l-partijiet baqghu ma qablux fl-ammont ta' arretrati dovuti, madankollu jirrizulta car illi certament illi hemm arretrati ta' manteniment dovuti mir-rikorrenti lill-intimata;

Illi ghalhekk ir-rikorrenti ma ssodisfax wiehed mill-elementi esenzjali sabiex zwieg jigi mahlul u cioe` r-rekwizit illi ma jkun hemm l-ebda pendenzi fir-rigward tal-hlas ta’ manteniment ;

Ghaldaqstant, il-Qorti qeghda tichad t-talbiet bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.